

# IL-KISBIET MIT-TAGĦLIM TAL-ĦILIET

# TAL-MALTI GĦALL-BARRANIN

## LIVELL 7 - IS-SEBA' SENA

## ROTTA 1

**Dan il-programm ta' Rotta 1 fis-seba' sena huwa intenzjonat għal dawk l-istudenti li jkunu għadhom kif waslu fil-pajjiż. Il-programm jinkludi l-ħiliet bażiċi msejsa fuq il-Qafas Komuni Ewropew għat-Tagħlim tal-Lingwi (A1) li nsibuhom fil-livell 5. Jinkludi wkoll għadd ta' ħiliet oħra minn Livell 6 li jgħinu lill-istudent jikkomunika fl-iskola u fis-soċjetà li jgħix fiha. L-għażla tal-ħiliet minn Livell 6 huma intenzjonati wkoll biex l-istudent ikollu l-ħiliet meħtieġa sabiex isegwi l-programm li jwassal għaċ-ĊES meta jasal fid-disa' sena.**

| **It-temi li madwarhom għandhom jiġu żviluppati il-kisbiet huma:** | |
|---|---|
| L-iskola | L-istaġuni |
| L-ikel | L-ilbies |
| Il-familja | L-annimali |
| Id-dar (tipi ta' djar, il-kmamar u xi nsibu fihom) | It-temp |
| Il-post u t-triq fejn ngħix | Fir-ristorant |
| Il-passatempi | Il-mezzi ta' trasport |

| It-Taħdit | |
|---|---|
| 1 | Nistaqsi u nwieġeb mistoqsijiet b'vokabularju bażiku u frażijiet sempliċi f'sitwazzjonijiet ta' kuljum li jeħtieġu bdil jew twassil ta' informazzjoni fuq suġġetti oħrajn bħal xi nħobb, lil min naf, l- affarijiet li għandi u l-bqija. |
| 2 | Nagħti struzzjonijiet b'vokabularju bażiku u frażijiet sempliċi li ma jkunx fihom aktar minn 4 verbi fl-Imperattiv pożittiv li jistgħu jinkludu riċetta u struzzjonijiet oħra li niġi bżonn ta' kuljum bħal meta nispjega attività fil-klassi jew fl-iskola lil sieħbi li falla l-iskola. |
| 3 | Nagħti direzzjonijiet lil xi ħadd biex ngħinu jasal minn post għal ieħor  ta' mhux aktar minn 4 punti  bħal kif jasal minn post għal ieħor fl-iskola u fl-inħawi tal-madwar. |
| 4 | Nuża kliem u frażijiet sempliċi bil-għan li niddeskrivi lili nnifsi, l-familja tiegħi, l-akbar ħabib tiegħi jew l-annimal li nrabbi. |
| 5 | Nieħu sehem f'konverżazzjoni sempliċi sakemm il-persuna l-oħra titkellem bil-mod u tirrepeti biex nifhem aħjar u s-suġġett ikun marbut mat-temi li tgħallimt jew qed nitgħallem. |
| 6 | Nuża strutturi grammatikali f'sentenzi sempliċi li jkunu ġew mgħallma lili minn qabel. |
| 7 | Nitħaddet fuq suġġetti li nkun tgħallimt dwarhom bħal il-kamra/dar tiegħi , bil-mod, bil-pawsi u bil-ġesti fejn il-vokabularju użat huwa wieħed bażiku; frażijiet sempliċi u sentenzi qosra. |
| 8 | Nuża frażijiet sempliċi li jinkludu referenza għall-ħin bħal ngħidu aħna Is-siegħa, is-sagħtejn, nofsillejl, nofsinhar, il-ħdax u nofs, it-tmienja u nofs, ix-xhur u l-istaġuni tas-sena. |
| 9 | Kapaċi nwieġeb telefonata b'vokabularju bażiku u frażijiet sempliċi f'kuntesti familjari u ma' nies li naf. |
| 10 | Nagħti deskrizzjoni qasira u ċara ta' suġġetti/sitwazzjonijiet sempliċi megħjuna minn stampa/viżwal dwar tema li nkun tgħallimt dwarha. |
| 11 | Nagħti l-punti ewlenin dwar x'jogħġobni u ma jogħġobnix fuq suġġett sempliċi u familjari marbut mal-ħajja ta' kuljum. |
| 12 | Nuża vokabularju bażiku u frażijiet sempliċi biex ninqeda f'postijiet pubbliċi bħal f'ħanut, il-posta, il-bank, it-trasport pubbliku u l-ajruport. |
| 13 | Kapaċi nwassal messaġġ qasir ta' bejn 50-80 kelma b'vokabularju bażiku u frażijiet sempliċi marbuta ma' sitwazzjonijiet familjari fil-ħajja tiegħi bħal ngħidu aħna messaġġ li tagħtini biex inwasslu lil sieħbi li falla l-iskola. |
| 14 | 14. Nitkellem dwar it-tema tal-istorja/film u nagħraf il-karattru/i ewlenin fi storja/film. |

| | Is-Smigħ |
|---|---|
| **1** | Nifhem mistoqsijiet li jsiruli b'mod sempliċi, ċar u bil-mod dwari nnifsi u oħrajn bħal xi nħobb, lil min naf, l- affarijiet li għandi u l-bqija bl-użu tal-ġesti. |
| **2** | Nifhem struzzjonijiet li ma jkunx fihom aktar minn 4 verbi fl-Imperattiv pożittiv li jistgħu jinkludu riċetta u struzzjonijiet oħra imwassal lili b'mod ċar, bil-mod u bl-użu tal-ġesti/ għajnuna tal-viżiv bħal kif nipprepara ruħi għal attività fil-klassi jew fl-iskola. |
| **3** | Nifhem direzzjonijiet li jgħinuni nasal minn post għal ieħor ta' mhux aktar minn 4 punti imwassal lili b'mod ċar u bl-użu tal-ġesti/ viżiv dwar postijiet fl-iskola li nattendi jew fl-inħawi tal-madwar. |
| **4** | Nifhem informazzjoni bażika minn siltiet qosra rrekordjati/bil-fomm ta' bejn 180-200 kelma li titratta temi li tgħallimt dwarhom u li huma mwassla bil-mod, b'mod ċar u bil-pawsi. |
| **5** | Nidentifika s-suġġett tal-aħbarijiet ewlenin fuq it-televixin fejn il-materjal viżiv jgħin id-diskors marbuta ma' temi li nkun tgħallimt dwarhom bħal ngħidu aħna il-post jew it-triq fejn ngħix. |
| **6** | Nifhem il-ħin bħal ngħidu aħna Is-siegħa, is-sagħtejn, nofsillejl, nofsinhar, il-ħdax u nofs, it-tmienja u nofs, ix-xhur u l-istaġuni tas-sena mwassla lili b'mod ċar u bil-mod. |
| **7** | Nifhem biex nagħżel informazzjoni bażika minn kontenut qasir ta' bejn 180- 200 kelma ta' materjal awdjo rrekordjat u mxandar li jista' jinkludi poeżiji ħfief/kanzunetti dwar temi li nkun tgħallimt dwarhom b'diskors artikolat, bil-mod u b'mod ċar. |
| **8** | Nifhem siltiet informattivi minn xandiriet qosra jew dokumentarji marbutin ma' temi li tgħallimt jew qed nitgħallem dwarhom ta' bejn 180-200 kelma fejn il-materjal viżiv jgħin id-diskors li jsir bil-mod u l-pawsi. |
| **9** | Insegwi l-punti prinċipali ewlenin ta' diskussjoni jew konverżazzjoni qasira ta' mhux inqas minn minuta li qed isseħħ madwari, ladarba d-diskors huwa artikolat b'mod ċar, bil-mod u b'Malti standard marbuta ma' temi li tgħallimt dwarhom. |
| **10** | Nidentifika l-punti ewlenin f'messaġġi, avviżi qosra u rapporti marbutin ma' temi li ġejt mgħallma dwarhom bħal ngħidu aħna avviż dwar maltempata fil-qrib, rapport tat-temp ta' bejn 180-200 kelma ladarba d-diskors huwa artikolat b'mod ċar, bil-mod, bl-użu tal-ġesti u għajnuniet oħra. |

| Il-Qari | |
|---|---|
| 1 | Naqra u nifhem testi mibnija minn sentenzi qosra u sempliċi marbuta mat-temi li tgħallimt jew qed nitgħallem dwarhom megħjuna minn simboli u stampi. |
| 2 | Naqra n-numri bażiċi u l-prezzijiet li jinkludu  l-waħdiet, l-għaxriet meta f'testi ma jkunux miktuba fi kliem. |
| 3 | Nifhem l-idea ġenerika ta' siltiet sempliċi ta' informazzjoni u deskrizzjonijiet qosra u sempliċi ta' madwar 80 kelma, speċjalment dawk li fihom stampi bħala għajnuna, eż. *kartellun, kartolina, skeda fuq gazzetta, powster għat-tfal.* |
| 4 | Naqra u nifhem stejjer qosra bi plott sempliċi u bi ftit karattri u poeżiji qosra bir-rima dwar suġġetti marbuta mat-temi li tgħallimt jew qed nitgħallem li jistgħu jkunu megħjuna minn stampi. |
| 5 | Naqra u nifhem struzzjonijiet/regolamenti qosra, sempliċi  megħjuna bi stampi li ma jkunx fihom aktar minn 4 verbi fl-Imperattiv pożittiv li jistgħu jinkludu riċetta u struzzjonijiet oħra marbuta mat-temi li nkun tgħallimt dwarhom. |
| 6 | Naqra u nagħti kas tal-intonazzjoni billi nsegwi sewwa s-sinjali tal-punteġġjatura bħal l-ittri kapitali, is-sing, il-punt, il-virgola, is-sinjal tal-mistoqsija, is-sinjal esklamattiv u ż-żewġ punti. |
| 7 | Naqra u nifhem messaġġi u ittri qosra u sempliċi, bħal pereżempju messaġġi fuq kartolini u ittra qasira , informali u personali. |
| 8 | Nifhem testi qosra u sempliċi relatati mal-ambjent ta' madwari u mas-sitwazzjonijiet li nkun fihom fil-ħajja ta' kuljum bħal ngħidu aħna , menù u reklam li jkunu megħjuna minn stampi. |
| 9 | Nuża d-dizzjunarju billi nimxi mal-ordni alfabetiku u mill-ewwel ittra/i nasal għal kliem li nkun qed infittex it-tifsira tiegħu u hekk nitgħallem xi jfisser, kif jinkiteb, kif jingħad jew kif jinqara. |

| | **Il-Kitba** (It-tul tal-kitba – 50 - 80 kelma) |
|---|---|
| 1 | Nikteb postkard lill-ħbieb tiegħi dwar fejn qed noqgħod f'Malta. |
| 2 | Nikteb nota qasira dwar fejn qiegħed xi oġġett jew oġġetti anke bil-għajnuna ta' stampa jew stampi, eż. *iċ-ċavetta qiegħda fuq il-mejda, il-ktieb qiegħed fuq l-ixkaffa*. |
| 3 | Nikteb lista tal-affarijiet li għandi fil-basket tal-iskola u listi ta' affarijiet oħra dwar it-temi li tgħallimt jew qed nitgħallem dwarhom. |
| 4 | Nimla formola bid-dettalji personali tiegħi, eż. *isem u kunjom, indirizz f'Malta, skola li nattendi, kemm għandi żmien, meta ġejt Malta, liema lingwi naf, eċċ*. |
| 5 | Waqt li nikteb nuża aspetti tal-metalingwa li nkun tgħallimt minn qabel. |
| 6 | Nispjega kif inhi d-dar fejn noqgħod jew li nara fuq stampa permezz ta' frażijiet, eż. *għandi kċina kbira, fil-garaxx joqogħdu żewġ karozzi, il-ġnien qiegħed fuq wara*. |
| 7 | Nikteb dwar il-passatemp tiegħi jew xi ħaġa oħra li nieħu gost nagħmel. |
| 8 | Norbot sekwenza ta' kliem/frażijiet bi kliem għaqqiedi bħal 'u', 'imma' u 'imbagħad'. |
| 9 | Nikteb frażijiet dwar x'nixtieq nagħmel fil-futur, eż. *is-sajf li ġej, is-sena li ġejja, meta nikber*. |
| 10 | Ninforma lil xi ħadd dwar kif inqatta' l-ġurnata, eż. *Jien inqum fis-sitta, noħroġ mid-dar fis-sebgħa, niekol f'nofsinhar*. |